MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 357/2009

**Josephine Galea.**

**-vs-**

**Carmel sive Charles Galea.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Josephine Galea fejn qalet hekk:-

“<u>Dikjarazzjoni dwar l-oggett tal-kawza</u>

1. Illi l-esponenti fdat f’idejn il-konvenut somma flus ammontanti ghal £261,790.90 (mitejn u wiehed u sittin elf, seba’ mija u disghin lira Sterlina u disghin *pence*) u dan permezz ta’trasferiment bankarju (Dok. A).

2. Illi l-esponenti fdat l-istess somma flus f'idejn il-konvenut bil-kundizzjoni espressa li dan jirritornahomlha lura malli hi hekk titolbu;

3. Illi ghalkemm l-esponenti nterpellat diversi drabi lill-konvenut sabiex jirritorna dawn il-flus lura, dana baqa' nadempjenti;

4. Illi iktar minn hekk, l-istess intimat, qieghed espressament jirrifjuta li jirritorna dawn il-flus, u dan hekk kif jirrizulta mill-annessa korrispondenza markata Dok. B.

5. Illi l-esponenti ghandna suspett serju li l-konvenut qieghed jipprova jeludi l-obbligu tal-hlas lura ta' dawn il-flus, tant li kellha tintavola mandat ta' inibizzjoni biex tinibieh milli jittrasferixxi l-proprjeta' tieghu u dan wara li saret taf li kellu hsieb li jigi lura Malta biex jittrasferixxi jew jiddisponi l-uniku proprjeta' li ghandu Malta, jew li b'xi mod jghabbi l-istess proprjeta' bi djun.

<u>Raguni tat-Talba</u>

1. Illi ghalkemm mitlub sabiex irodd lura dawn il-flus, il-konvenut baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri anke *in vista* tas-suspett fuq imsemmi. Mhux biss baqa' inadempjenti, talli sahansitra espressament irrifjuta li jroddhomlha, u dan hekk kif jirrizulta minn Dok. B.

2. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi *ai termini* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili (Kap. 12) u l-istess konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni valida x'jaghti ghat-talba attrici;

3. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

<u>Talba</u>

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti qieghda bil-qima titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni opportuna:

1. Tipprocedi bid-dispensa tas-smigh skond l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 14);

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas u jrodd lura lill-attrici s-somma ta’ mitejn u wiehed u disghin elf, seba’ mija u hamsa u sittin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€291,765.72) ekwivalenti ghal mitejn u wiehed u sittin elf, seba’ mija u disghin lira Sterlina u disghin *pence* (£261,790.90).

Bl-imghax fuq is-somma ta’ mitejn u wiehed u disghin elf, seba’ mija u hamsa u sittin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€291,765.72) ekwivalenti ghal mitejn u wiehed u sittin elf, seba’ mija u disghin lira Sterlina u disghin *pence* (£261,790.90), mill-prezentata sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni presentat fis-7 ta’ April 2009, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata li ghamlet l-attrici flimkien mar-rikors mahluf fejn regghet ikkonfermat dak li nghad fl-istess rikors mahluf.

Rat il-lista tax-xhieda li ndikat l-attrici.

Rat id-dokumenti esebiti mill-attrici flimkien mar-rikors mahluf.

Rat affidavit tal-istess attrici (*fol*. 5).

Rat li l-konvenut kien debitament notifikat bir-rikors mahluf, bid-dokumenti hemm annessi, bl-avviz tas-smigh tal-kawza u bid-digriet tal-appuntament tal-kawza fis-27 ta’ April 2009 (*tergo* ta’ *fol*. 9 u *tergo* ta’ *fol*. 10).

Rat li meta l-konvenut kien imsejjah ghal tliet darbiet biex jidher ghall-udjenza tal-kawza li saret fil-21 ta’ Mejju 2009 fid-9.00am baqa’ ma deherx.

Semghet lid-difensur tal-attrici jiddikjara f'dik l-udjenza li l-attrici kienet qed taghti ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smigh tal-kawza kif ukoll li l-kreditu pretiz mill-attrici ghadu mhux imhallas.

Peress li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u hemm lok li tinghata sentenza llum bid-dispensa tas-smigh skond l-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas u jrodd lura lill-attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u disghin elf, seba' mija u hamsa u sittin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€291,765.72) ekwivalenti ghal mitejn u wiehed u sittin elf, seba' mija u disghin lira Sterlina u disghin *pence* (£261,790.90), bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------